# Leħen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-*GĦAQDA TAL-MALTI* (UNIVERSITÀ)

F'ILSIEN ARTNA L-GĦAQDA TAL-MALTIN KOLLHA
IS-SAĦĦA U L-QAWWA TA' NAZZJON ŻAGĦŻUGĦA

**Ir-Raba' Sena** **Ġunju 1934** **Għadd 40**

Mitbugħ fl-"Empire Press" 266, Strada San Paolo — Il-Belt

# LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

**ĠUNJU 1934] IR-RABA' SENA [Ghadd 40**

## GĦAD HEMM X'NAGĦMLU GĦAL-MALTI

Fil-għadd 37 semmejna li sew fit-tagħlim kemm ukoll fl-eżamijiet jeħtieġ li ngħollu l-*istandard* tal-Malti; u għalhekk għidna li jmissna ndaħħlu fost ħwejjeġ oħra il-kitba tal-komponimenti u dan mhux bħala telf ta' żmien, imma bħala taħriġ sabiħ għal-ftuħ tal-moħħ. U tabilħaqq, moħħ miftuħ hu moħħ li jaf jaħseb, jaf jagħżel bejn fehma u oħra, u jaf jifhem x'qed jiġri madwaru, f'pajjiżu, fid-dinja, sew b'tiġrib tiegħu n-nifsu sew b'mezz tal-qari meqjus. Mela meta fit-tagħlim u l-eżamijiet tal-Malti ndaħħlu l-kitba ta' komponimenti nkunu qegħdin noħolqu mezz sħiħ li bih nistgħu naslu biex naraw xi jsarraf l-istudent li jkun qed iħejji ruħu biex jaqdi n-Nazzjon f'xi impieg governativ. Minħabba li ma jkunx imħarreġ tajjeb, għal raġuni jew oħra, jista' jkun li wieħed ma jasalx biex ifisser ruħu tajjeb b'ilsna barranin u għalhekk ma jistax jurina sewwa x'għandu maħżun ġo fih, imma bil-Malti ma hemmx logħob. Il-Malti jikxifna u juri x'aħna; juri jekk nixbħux lil xi lewża battala inkella lil xi frotta mimlija qalba u meraq. Għax aħna Maltin u l-ħsieb fl-ewwel libsa jiġina bil-Malti. Mela la wieħed jaħseb bil-Malti ma hemmx skuża li ma jafx ifisser ruħu. Din ma hix ortografija. Din hi kustjoni ta' li wieħed *jikteb x'jaħseb.*

Ngħidu aħna komponimenti ta' din il-għamla : a) Xi drawwiet tal-Maltin, b) L-Edukazzjoni f'Malta, ċ) Il-Ġurnaliżmu Malti, d) Kif nistgħu nxerrdu l-imħabba għat-tagħlim fost in-nies tar-rħula, u oħrajn iġagħlu lil-istudenti jbattlu l-ixkora ta' għerfhom biex juru sa fejn interessaw ruħhom f'dak li għandu x'jaqsam ma' Art twelidhom, ma' dik l-art li trid tiksbilhom il-pagi għal-postijiet li jieħdu jekk ikun ħaqqhom. Imbagħad, min jasal biex jikteb fuq suġġetti bħal dawn li tajna ma jkunx ħela żmienu, għax jkun ħaddem rasu u dak li ħażen ġo moħħu f'ħajtu.

Imma biex isir dan jeħtieġ li l-Malti fl-eżamijiet tal-Gvern jitqiegħed iżjed fis-sħiħ u għal xi postijiet ikun obbligatorju, għax ħafna jonfru minn xogħol magħmul bis-serjietà. Imbagħad jeħtieġ li l-Gvern Imperjali jġagħal li l-impjegati tal-Gvern jiktbuh tajjeb, għax mhux biż-żejjed tħaddem il-*k* u l-*q* imbagħad taħmel elf tixlifa oħra. Dan qegħdin ngħiduh għax, billi sikwit naraw xi taħwid fejn ma għandniex nistennewh, ġiena, l-ħsieb li fil-kitba tal-Malti, f'xi dipartimenti tal-Gvern fejn il-malti daħal b'liġi, qed ibagħbsu nies li ma jifhmux. U jekk dan jibqa' jsir, ikollna nitħaddtu aktar ċar u aktar jebes.

Ġużè Aquilina.

# OMMKOM MARIDA.......

Ommkom marida, ħalluha rieqda :
bl-agħjat, bil-ħsejjes la tiksrux nagħsha.
Qamet issajjar ; issa mistrieħa,
meddet ftit rasha.

Uliedi kulu ; u bla titniffsu,
bħall-kelb li nxteħet jongħos hemm ħdejha,
tħallux leħinkom f'widintha jingħi
bħal ragħda għaddejja..... ...

X'għoġla kien fiha, tbigħ ġmiel u saħħa,
tgħabbi l-imniezel fuq dahar il-ħmara :
tħammar fl-egħlieqi max-xemx li nieżla
lilha kont nara.

U xbejba kienet l-għażiża t'ommkom,
l-hena ta' darha, l-għaxqa tar-raħal.
Marti l-qaddisa, is-Sliem ġô qalbi
magħha kien daħal.

Għaxar snin ilu, għaddew bħal sħaba,
fix-xogħol ta' Mħabba, fix-xogħol tal-ħajja ;
xerridna l-għaraq, xi demgħa ċkejkna
żewqet dil-ġrajja.

...........................................................................

Uliedi oqogħdu : kulu bi skietkom.
Is-salib roddu; int, Ninu, fuqek
la xxerridx, ruħi, ħalli fil-għodu
il-mamma tbusek.

Ma dwarkom tnewwaħ qiegħda l-imsejkna
qattusa u b'rasha tmelles dirgħajkom :
bil-għatx ħalliethom liċ-ċkejknin tagħha
jfittxu wrajkom...

Bħalkom trid tiekol, dik ħlejqa t'Alla;
bħal ommkom tħobbhom u tibża' għalihom
l'uliedha kollha: tħalluhiex tnewwaħ
bla ma tisqihom.

.....................................................................

Id-dinja rieqda, uliedi mteddu;
itolbu għal ommkom f'raqda midfuna:
— Ġesù, Ġużeppi, Ommna l-Għażiża,
magħha żommuna!

Ix-xemx kif għabet minn dari mindu
marret saħħitha! Bħal għalqa saret
bir-riħ imħarbta. Din l-isbaħ warda
ta' ħajti sfaret!

Int Omm in-Niket, li ġarrabt bħalna,
ikollok ħniena minn dil-marida.
Fejjaqli 'l marti, ix-Xemx uriha
ta' Ħajja ġdida.

Ommkom marida, għadha kif raqdet,
l-ugigħ, miskina, tajrilha nagħsha,
toħlom u titlob max-xemx għalikom
tqajjem ftit rasha... ..

A. C.

# "WARDA LI TGĦID ĠRAJJIETHA"

TA' DUN KARM

(*Tissokta ma' l-Għadd ta' qabel*)

Jien hekk inqis dina l-poeżija "warda li tgħid ġrajjietha" bħal żagħżugħ b'saħħtu u ħafif. Versi sħaħ u mexxejja, stil ċar u safi, bla ħażna ta' kliem barrani li jdejqek. Is-suġġett imbgħad hu oriġinali kemm jista' jkun: Warda tgħid il-ġrajja tagħha:

Kienet għodwa sabiħa ta' Mejju
Meta ftaħt minn ġol-ġewża w ilbist
Dik il-libsa li jilbes is-sema
Hi u tixref ix-xemx, u ħarist

L-ewwel ħarsa ma' dwari. Fil-ġonna
Oh ħdura! X'ħuġġieġa ta' lwien!
Fuq is-siġar għasafar għannejja;
Ilma jgelgel, tifwiġ kullimkien.

Mela, dina l-warda nfetħet f'Mejju, x-xaħar tal-fjuri, ix-xahar tal-fwieħa. U, jgħid il-Poëta, malajr għaddew is-sigħat ta' żgħożitha; għaddew ħfief imma ħenjin, bin-nida tbewwes lil sidirha u bix-xemx tberred lil qalbha. Kienet fil-milja ta' ħajjitha meta xbejba, għajnejha żewġ kwiekeb, firditha minn ħdan ommha; ħaditha f'kamritha; u minn hemm telqet biha fis-sala tal-ballu. Hemmekk, f'dik id-dar sabiħa, tgħid il-warda x'semgħet u x'rat. Rat kotra żgħażagħ jittajru, jitbandlu, jixxenglu li fakkruha f'dawk il-friefet li ħienja kienu jimirħu ġewwa l-ġonna qalb il-fjuri li tlellex u tfuħ". U qalet li semgħet kliem ħelu għasel, li rât ħarsiet ta' mħabba kbira, li xi xbejba mistħija u beżgħana, tisfar. Hemm, qalb dak id-daqq imgħaġġel tal-pjanu, qalb dak iż-żfin taż-żgħażagħ ferrieħa, bdiet il-warda tħoss iż-żina ta' lbiesha tonqsilha. Għax ix-xbejba, mitlufa wara ż-żagħżugħ li żifen magħha, xejn ma ħasbet fiha, ħallietha tiġġarraf, tidbiel. U hekk temmet ġrajjietha dina l-warda, imwielda fil-fantasija tal-Poëta Malti Dun Karm.

Bħala xogħol letterarju dina l-poeżija tiswa mitqilha deheb, ċara biżżejjed, tiftiehem malajr u ma fihiex kliem tqil li trid tqalleb moħħok biex tifhmu. Hi mqassma f'qatgħat ta' tliet strofi l-waħda, kull qatgħa hi marbuta, b'id tas-sengħa, ma' ta' qbilha. Kull waħda fiha dehriet ġodda u sbieħ,magħqudin flimkien b'ħje-

lijiet irqaq ta' fantasija qishom dik il-ħarira li tgħaddi minn bejn iż-żibeġ u ddommhom f'ħannieqa. Bejn kull strofa hemm xi ħaġa li tiġbdek, li ssaħħrek. Dun Karm jaf biżżejjed kif isebbaħ il-poeżiji tiegħu: kulħadd jaf li t-tennija ta' l-istess ħjiel hi kerha, iżda kultant Dun Karm iħaddimha għax mindaqqiet tinħass sabiħa:

*Kien hemm* trab ta' rubini fis-sema,
*Kien hemm* xmajjar ta' deheb maħlul.

Mhux biss, imma Dun Karm jagħraf ukoll juża l-armonija imitativa, u int u qed taqra tħossok qed tissieħeb ma' dak li qed isir:

(i) Imbgħad ħriġna, w terraqna, terraqna
Qalb nies tgeġweġ, u tħares u ssus;
Dħalna fl-aħħar ġe' dar—dar sabiħa—
Dawl u mirja w kristalli bir-rfus

(ii) Weqgħet sikta: mill-pjanu ġiet mewġa
Ta' daqq mgħaġġel, qabbieżi, ferrieħ

Laqatni ħafna l-vers *"hekk minsija, midruba, muġugħa"* b'dak il-kliem twil u mkarkar li juri bħal karba ta' ruħ li trid tinfired mill-ġisem. Il-warda kienet waslet biex titlef lewnha għal dejjem; u billi fil-ħsieb tal-Poëta dina l-warda kienet mogħtija r-ruħ biex tara u titkellem, għalhekk issa f'tarf ħajjitha, bħal fi tmiem il-ħajja tal-bniedem, dina r-ruħ donnha qiegħda tfittex li tinfired minn suret-il-warda. Il-poeżija sabiħa kemm tridha; l-egħluq tajjeb ħafna.

Barra dina l-poeżija, Dun Karm tana ħafna xogħlijiet oħra kollha mexxejja, ħfief, ħelwin. Min tassew iħobb il-Malti, ma jistax ikun li jinsa lil dana l-bniedem kbir li ħadem sħiħ u qawwi għat-tixrid ta' l-imċewlaħ ilsien tagħna. Hu biex ngħid hekk, il-bennej ta' dak kollu li hu sabiħ, għani, fejjiedi fiċ-ċkejknin gżejjer tagħna. Għad jasal jum li għal Dun Karm ix-xemx tinżel u qatt aktar ma titla', iżda l-għana tiegħu jibqa' dejjem sħiħ biex jiswa ta' tagħlima għall-Malti ta' għada, tħeġġiġa għażżgħażagħ li telgħin u għad jitilgħu mal-ħarba taż-żmien.

Ġużi Chetcuti

# ILMA, ĦAXIX U WARD!

*Lit-tfal ta' l-iskejjel tal-Gvern.*

Ħafif daqs berqa jserrep
l-isfel arawh għaddej,
igelgel, jaqleb, jiġri
u jħaxwex lejna ġej.

Ix-xemx thennih u tiddi
tlellix ta' ġawhar fih;
għasafar, ward u ħxejjex
mgħaxxqin iduru bih.

Fih iċ-ċaqliq tal-ħajja,
u l-ħarba sfiq tas-snin;
isaw, ja tfal, ixorbu:
dan l-ilma safi u bnin!

Arawh għad-dehra tiegħu
jissaħħar il-ħaxix:
jiżżeffen, jaqbeż, jogħla
donnu bellusu rix.

Trâku ferħân isellem;
trâku bil-ħlewwa jmil;
trâku daħkan jitbandal
maż-żiffa, sebħ April!

Tistħajjlu jrid ikellmek:
tistħajjlu jiżżik-ħajr
taż-żjâra li għamiltlu
ħimkien ma' l-ilma u t-tajr.

Ftit 'l-hinn, fuq sodda ratba
kollha tiżwiq ta' lwien
arawh il-ward jixxaħxaħ
u jfewwaħ kullimkien.

Iss'għandu lewn il-qrolla,
issa lewn il-ħalib,
iss'għandu lewn is-sema,
lewn il-lariṅġ u ż-żbib.

id-deh'b u l-fidda fejnu
bħal l-ilma ħdej' in-nar:
ge' fih jitbissmu l-anġli:
ġe' fih tistagħna l-fqar.

L-egħġubijiet u l-isħra
li l-għajn ma râthom qatt,
issibhom f'Artna ċ-ċkejkna
magħrufa ma' kullħadd:

Għax Artna t-tieni ġenna,
il-ġenna minn ta' l-art,
li d-Dîn ta' Kristu tgħanni,
ilma, ħaxix u ward!......

O tfal bħall-ħrief ferħana,
o tfal safjin, ħelwin,
kullfejn tiltaqgħu miegħi,
għiduli: Aħna Maltin,

ulied ta' Pawlu l-Għira,
tas-sema t-tieni ġmiel,
li fiha l-ħajja tiżhar
u qatt, qatt ma tidbiel:

Għax Artna t-tieni ġenna,
il-ġenna minn ta' l-art,
li d-Dîn ta' Kristu tgħanni,
ilma, ħaxix u ward!......

24/2/34

VASSALL S. M.

# META L-KELMA TA' ALLA MA DAĦLETX FIL-KERREJJA (1)

Ix-xemx kienet għadha qed tfeġġ minn fuq il-bini għoli tal-belt, xħin min-naħa tax-xerq (2) firxa dawl qisha raxx deheb maħlul, imħallat b'ħafna porpra bdiet tqabbad bil-ftit il-ftit it-twieqi nodfa tad-djar l-aktar għoljin u l-aktar fil-qabda sa ma biddlithom f'mixegħla ta' nar aħmar : tagħmixa deheb, fidda w porpra jatu ġo xulxin, qishom ilsna tan-nar li mal-għabex jirgħa fil-punent. U din il-ħuġġieġa għodwija nfirxet ukoll fuq il-bejt ta' kerrejja mill-ifqar mwaqqfa minn ħafna għorof imtellgħin waħda fuq l-oħra, dojoq, bla nifs, qishom oqfsa tal-bhejjem tal-grixti. Fqar tas-sew in-nies ta' dil-kerrejja, imma x-xemx ta' Alla titla' għal kulħadd.

"Sebaħ" għajjat Ċensu jmattar idejh u riġlejh fuq mitraħ qadim f'waħda mill-idjeq għorof ta' din il-kerrejja. U Loreta, martu, xħin semgħetu, tqalbet fuq ġenbejha, għorkot għajnejha nofshom magħluqin bin-ngħas u "Sebaħ", wieġbet, "Alla magħna, mela nqumu għal kafè". L-ewwel li qam fuq saqajh kien Ċensu, u dan, malli tena l-mitraħ tiegħu u gerbu f'rokna, beda iħarrek l'uliedu minn spallithom biex forsi jistenbħu. Kellu tfajla w ħames subien mixħutin minn tulhom fl-art ħallata ballata fuq imtieraħ taċ-ċraret imqattgħin, imġantin għal dan il-ħin. L-ewwel ma qamet minnhom kienet bintu Karmela l-kbira fost l-ulied, xbejba ta' xi għoxrin b'xagħarha qastni, imħabbel qisu kobba ħarir mħarbta, liebsa qmis ta' taħt roqgħa fuq roqgħa, nieżla trietaq sa minn fuq qaddha u mxattra mit-truf; hekk li min-naħa kienet tilħqilha sa rkubtejha, u minn l-oħra kienet tħalli biċċa minn koxxitha barra, bajda daqs il-ħalib, imma

---

(1) Wara li wieħed ikun qara dil-kitba tiegħi għandu jifhem li jiena ma ridtx nolqot lill-persuni jew klassi ta' persuni fihom nfushom, imma biss abbuż, li fil-każ tagħna hu li ħafna oraturi mħabba li ma jistudjawx il-Malti, iħaddnu ħafna kliem barrani, aktar ħsejjes milli sens, u jispiċċaw biex ma jifteħmux u b'hekk jitilfu ħafna mill-ġid li setgħu jagħmlu. Dan q'ed ngħiduh għal dawk li sew biex ifaħħru, sew biex imaqdru, jidhrilhom li fil-kitba tiegħi hemm xi ħaġa jżjed minn dak li fissirt issa. Dawk li ma jaqblux miegħi, ma jinsewx li wara li ilna nsara aktar minn elf sena, għad ma għandiex xogħol ta' oratorja reliġjuża b'ilsienna li wieħed jista' jiftaħar bih. Tgħid il marda fil-ħmerijiet ta' rasna fil-preġudizzi kontra lsien Art twelidna ? Ħutna fid-din, Taljani, Ingliżi, Franċiżi w oħrajn jgħożżu xogħolijiet kbar ta' oratorja reliġjuża, żina tal-letteratura tagħhom u ġieħ tal-Knisja. Biss aħna, nsara fost l-insara, patrijotti fost il-patrijotti, ma għandiex, u l-anqas naħdmu biex ikollna, xogħolijiet bħal dawn ! L-Isqof Cammilleri ta' Għawdex għalhekk ħaqqu tifħir talli fiż-żewġ Volumi omeliji li ġabar xeħet l-ewwel ġebla, aktarx suriet in-nies, biex oħrajn urajh jistgħu jgħollu l-karattru tagħna bħala nsara, bħala Maltin.

(2) Xerq=lvant.

msagħtra, mbilli dit-tfajla, miskina, kienet wild il-għaks wil-ġugħ. Warajha qam ħuha Toni bil-qalziet ta' taħt biss, sidru għeri biex, kif kien igħid missieru "ma jgħarraqx iż-żewġ flokkijiet li għandu mbilli mhux la kemm taqbad u tixtri la ma hemmx flus". U hekk wieħed wara l-ieħor qamu l-erba' subien l-oħra qishom ġrieden maqbudin f'nassa, jitmattru addoċċ,jolqtu l-xulxin b'minkbejhom x'ħin jogħorku għajnejhom bi ngħas donnhom sa jinstabtu fl-art fis-sakra. Kienu jsew-dulek qalbek, jaħasra, tarahom nexfin għuda f'dik id-daqxejn ta' gabuba, l-anqas jistgħu jitħarku b'xulxin. Sa fl-aħħar Ċensu setagħ jberraħ it-tieqa, u mewġa frisk naddfet il-għorfa xi ftit mill-irwejjaħ tat-titpin, u dak il-ħin dan il-missier fqir ħass f'ruħu dieħel bħal faraġ, bħal ferħ, bħal mistrieħ. Ħass il-pulmun jinfetaħlu f'sidru, u n-nifs mimli jġerrilu demmu b'qawwa ġdida ma' ġismu kollu. U tbissima ħafifa ġriet ma' xuftejh x'ħin lemaħ ix-xemx, sultana tal-għodwa, tixxabbat għal fuq il-belt. X'għana ta' dawl, ta' qawmien, ta' ħajja! Kemm hi ħelwa x-xemx, kif tnaddfek, kif issaħħek, xħin titħallat ma' demmek, xħin issaħħanlek ġenbejk! Dal-ferħ kollu ħassu l-imsejken missier, sa ma fawra ta' dieqa reġgħet għafsitlu qalbu, xħin b'ħasra kbira ftakar li, għalkemm uliedu kienu tfarfru u riedu l-wisa, għorftu kellha tkun f'kerrejja fqira qisha qafas tal-bhejjem, daqxejn ta' toqba bla ħajr, bla ħajja. "Ja Alla", temtem Ċensu minn bejn xuftejh "żgħira xewqti; iksibli biss biex nista nikri xi mkien aħjar fejn nista' nraqqad lil marti u l'uliedi bħan-nies!" U dak il-ħin laħqet fejnu martu Loreta, mara ħelwa, imma mixruba bil-għaks. "X'int titħasseb, Ċens?" qaltlu bi tbissima u b'rasha mserrħa fuq spaltu "Int dejjem għanja waħda; taqta' qalbek wisq. Ma tafx li hemm Alla, ħi? ersaq lejh, u taqla! Taf li biss biss ilek ma tqerr ħafna u priedki ftit li xejn. Ara, Alla żgur ifarrġek jekk il-lejla tmur tisma priedka fil-knisja ta' Santu Wistin. Għidli iva' Ċens, f'ġieħ saħħiet uliedna!'. U mbagħad b'ħeġġa ta' mħabba żagħżugħa telqet xuftejha fuq ġbinu u bisitu, għax dawn l-imberkin ta' fqar jafu jħossu w iħobbu wkoll, għad li aħna bosta drabi naħsbuhom bhejjem u nsakkruhom f'oqfsa fejn il-ġisem jitmermer, wir-ruħ tinfena. "Tmur? għid iva!", reġgħet staqsietu għajnejha f'għajnejh. "Immur" wieġeb Ċensu bi ħniena kbira f'ħarstu.

Ċensu kien raġel xipli, tatih ma' dwar il-erbgħin. Imma mis-sfurija ta' wiċċu, kont tagħraf li dal-bniedem kien ra ħafna f'ħajtu, li kien bata sal-gugħ, li kien ra l-mewt għaddejja minn quddiem għajnejh. Qalbu biċċa deheb, ma kienx jaraha bi kbira li jsofri hu, imma dik li jara fit-tbatija lil min kien iħobb, martu w uliedu, dik kienet teħodlu nofs ħajtu, tkiddu, tħallih bla tama tar-ruħ wil-ġisem. U kif bosta drabi jiġri lil min jaqta' qalbu mid-dinja, dar-raġel, għalkemm ma kienx ħażin minnu nnifsu, kien wasal biex bired fil-ħwejjeġ

ta' Alla. Lejn knisja kien ilu ma jersaq is-snin u Loreta telgħet erbatax il-sema bil-ferħ meta rnexxielha ġġagħlu jwegħedha li kellu jmur jisma' l-priedka.

*
* *

Fil-knisja ta' Santu Wistin nemmelija nies kienet qiegħda tinġama' biex tisma l-priedka ta' qassis żagħżugħ illawrjat f'Università ta' barra, għaref ħafna kif kienu jgħidu n-nies, u kif kienu jixhdu s-sarbut ittri ta' wara ismu. (Dawn l-imberkin ta' ittri x'għandhom ħila jagħmlu!) Fost dawn in-nies kien hemm Ċensu liebes skond butu, libsa qadima taqta' jiesek tgħoddilha l-irqajja, imma qalbu kienet imfawwra bl-isbaħ tifkiriet tat-tfulija mbierka, ta' dak iż-żmien meta mqabbad ma' djul ommu, min jaf kemm drabi kien imur id-Dar tal-Mulej jitgħaxxaq bl-isbaħ funzjonijiet ta' ma' tulek ja sena. U malli rnexxielu jasal quddiem l-altar ewlieni ħass x'jiġbdu mit-Tabernaklu, għax deherlu li sama' l-Leħen tal-Moħbi jgħidlu : "Ibni, għix bil-kelma Tiegħi u inti ma jieħdokx ġugħ iżjed". Hekk tkellem it-Tabernaklu, u Ċensu b'rasu fuq sidru temtem kemm kemm: "Mulej tkun magħmula r-rieda Tiegħek".

U wasal il-ħin tal-priedka. Qassis żagħżugħ deher f'daqqa waħda fuq il-pulptu u ħemda kbira waqgħet fejn qabel ma kontx tisma' ħlief tqaħqiħ u twaqqigħ ta' siġġijiet. Wil-priedka bdiet, il-leħen ċar tal-qassis nstemagħ jiġri mal-knisja jidwi mal-ftuħ tan-navi, u jimraħ fuq ir-rjus tar-rassa nies li kienu b'għajnejhom f'wiċċu. Kien qassis ta' edukazzjoni moderna, imħarreġ fit-taljan, u kien wieħed minn dawk li jgħolli l-ġieħ ta' l-oratorija Maltija bl-isbaħ kliem mimli, kliem ċivili, kull kelma ddoqq miftuħa qisha l-qanpiena l-kbira ta' San Ġwann f'jum ta' btala.

Imma Ċensu ma kienx tal-qatgħa. Bniedem żgħir li jifhem il-kelma Maltija kif nitħaddtuha d-dar ma setâx ikollu x-xorti jitgħajjex bil-kliem sabieħ, ħeġġa ta' żogħżija, li kien ħiereġ mill-magħruf qassis illawrjat fl-Università ta' barra. U Ċensu mgħobbi bit-toqol ta' dnubietu, b'ruħu mrexgħa, titniggeż mix-xejn, tefagħ l-ħtija kollha fuqu nnifsu, fuq l-imgħoddi tiegħu, u bħal ruħ mitlufa beka l-aħħar tama ta' ħajtu. "Xinhu dan tiegħi" gerger waħdu "għax ma jiena nifhem xejn minn dak li qed igħid il-predikatur ? Jaqaw Alla telaqni għal dnubieti? Kont xort'oħra meta kont nisma lil Dun Belinn jippriedka, Alla jaħfirlu. Dak ma kienx għaref; ma kellux ittri wara ismu, imma kont nifhmu. Tgħid għaliex? U nħoss qalbi marida, bierda, mejta. Ja Alla, ħniena!" Imma dak il-ħin iż-żagħżugħ predikatur kien fl-aħjar tiegħu jisħaq fuq it-twemmin nisrani ta' Malta, qadim fostna sa mil-miġja ta' San Pawl.

"*Il-konkwista splendida tal-fidi tagħna purissima,*" kien qed ifisser dan l-oratur illawrijat "*il-konkwista ta' Pawlu fl-iżola tagħna, il-ġemma unika tal-Mediterran, għandha tiġi inċiża fl-annali ta' pajjiżna bħala l-evidena splendidza ta' l-attakkament tagħna l-Maltin mal-Fidi meraviljusa u invinċibli ta' Kristu w Ruma. O, espressjoni ta' ħlewwa ineffabili tikkomprendi edina il-ġurnata memorabli, edina id-data indimentikabili li qegħdin nikkommemoraw flimkien. Ora, sibbeni l-għadu nfernali slanċa ruħu bil-potenzi tremendi tiegħu kontra Pawlu, vinċa Kristu u miegħu il-Knisja Santissma u potentissima.* Oratorija kbira, sengħa bil-kif, fih dan il-kliem jekk tistudja kemm idoqq fuq il-widna, u kemm iżarżar u kif għandu jidwi sa mal-koppla. Bossuet u patri Segneri quddiem sengħa bħal din imejln rashom, imma miskin Ċensu kellu ruħu ċkejkna ċkejkna, qisha ruħ ta' tarbija muġugħa; u għalhekk ma setagħx jitla fil-għoli ħafna biex ilaħħaq mal-ġenju tal-oratur, illawrjat fl-Università ta' barra.

U hekk dal-midneb tħawwad, u beka lilu n-nifsu. Imma malli, wara li spiċċat il-priedka u ngħatat il-barka, hu ġie biex joħroġ, deherlu li mit-Tabernaklu reġagħ kellmu l-Leħen tal-Moħbi. "Jien b'Kelmti ridt ngħajjxek!..... jien b'Kelmti ridt ngħajjxek". Dik kienet il-karba ta' Alla.

* * *

Minn wieħed mil-ġnub tal-kerrejja għal fil-għaxija x-xemx immejla wara s-sħab kienet qed tarmi l-aħħar xrar ta' dawl aħmar fuq it-twieqi tad-djar għoljin u Ċensu, li kien qed iħares lejha, jaraha tgħib bil-ftit il-ftit, ħass f'ruħu it-toqol ta' dieqa iktar minn dari U dak il-ħin martu Loreta, safra daqs il-qarsa tax-xemgħa, bi ħlewwa ta' mħabba f'għajnejha, resqet lejh qajl qajl u "Ċens" qaltlu "qawwi qalbek, il-lejla x'ħin fit-tempju ta' ruħek tinżel il-ħemda, il-Leħen tal-Moħbi ikelmek kif tifhem inti, bħalma Dun Belinn kien ikelmek meta kont għadek tfâl".

Ftit wara, l-aħħar ġamra dawl tax-xemx ntfiet fuq il-bejt tal-kerrejja fqira.

Guże Aquilina.

# IL-FILOSOFIJA TA' L-IMĦABBA

*(Mill-Ingliż ta' P. B. Shelley)*

In-nixxiegħa tgħib fix-xmara
Wix-xmajjar fl-Ilmijiet,
Ġewwa s-sema s-sħab jitħalltu
Bl-aktar ħelwa tqanqiliet;
Xejn fid-dinja m'huwa waħdu
Bħala amar mill-ħolqien
Kollox kollox dlonk jiltaqa',
Għax m'hux hekk aħna flimkien ?—

Ara l-iġbla tbus is-sema
U l-mewġ igħannqu lil xulxin;
L-ebda warda qatt ma ċaħdet
Tħobb lil ħuha għal xi ħin;
Dawl ix-xemx igħannaq lil artna,
L-iġbla, il-qamar bit-tlellix :
X'tiswa din in-nisġa ħelwa
Jekk int bewsa ma ttinix?

Ġorg Pisani.

# PRONOSTKU MALTI 1935

## Konkors ta' Poeziji bil-Malti.

Id-Ditta GIOV. MUSCAT iddeċidiet illi għall-Konkors tal-Poeżiji għall-Almanakk "Pronostku Malti" tas-sena 1935 tagħti dawn il-premijiet għall-aħjar sitt poeżiji li tirċievi :—

L-Ewwel premju : 30 rumanz bl-inglis, kbar u sbieħ, u ta' awturi msemmija ;

It-Tieni premju : Klamar ta' lussu għal fuq l-iskrivanija;

It-Tielet premju : Mifsud — "Knights Hospitalliers of the Venerable Tongue of England in Malta";

Ir-Raba' premju : Cassell's — Dizzjunarju Franċis-Inglis u Inglis-Franċis.

Il-Ħames premju : Lapis tad-deheb għal but ;

Is-Sitt premju : Kalendarju perpetwu għal fuq l-iskrivanija.

KONDIZJONIJIET

1. Il-poeżiji għandhom jinbagħtu mhux iżjed tard mill-15 ta' Awissu ;
2. Il-poeżiji miktubin bl-ortografija ta' l-"Għaqda" ippreferiti ;
3. Il-poeżiji li ma jieħdux premju jistgħu jiġu ippublikati ukoll mingħajr ebda kumpens ;
4. Il poeżiji li jinbagħtu ma jingħatawx lura;
5. Il-poeżiji hemm bżonn li jkunu kemm jista' jkun qosra;
6. Il-poeżiji jinbagħtu l-id-Ditta GIOV. MUSCAT, 48, Strada Mercanti, il-Belt ;
7. Il-premijiet jiġu mogħtija skond id-deċisjoni finali tal-Editur.

**Tisħib**

6d. kull sitt xhur
1s. kull sena
Kopja waħda sold
Għal barra minn
Malta id-doppju.